REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1257

tat-23 ta' Lulju 2019

li jikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Bulgara tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni tal-lingwa Bulgara tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 fiha żball fl-entrata 12, it-tabella, il-kolonna i), l-ewwel sentenza tal-Anness III ta' dak ir-Regolament, li ġie introdott bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1197/2013 ([2]) fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu u t-twissijiet li jikkonċernaw is-sustanzi.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni tal-lingwa Bulgara tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1197/2013 tal-25 ta' Novembru 2013 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 315, 26.11.2013, p. 34).